REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 465/2008

tat-28 ta' Mejju 2008

li jimponi, skond ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93, ir-rekwiżiti ta' l-ittestjar u l-informazzjoni fuq l-importaturi u l-manifatturi ta' ċerti sustanzi li jistgħu jkunu persistenti, bijoakkumulanti u tossiċi u huma mniżżlin fl-Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar il-valutazzjoni u l-kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tiegħu,

Billi:

(1) Il-manifatturi u l-importaturi ta' ċerti sustanzi fl-Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti [2] jistgħu jkunu meħtieġa jagħtu iktar tagħrif li jkollhom u/jew jgħaddu s-sustanzi eżistenti minn test meta jkun hemm biżżejjed raġunijiet validi biex jinftiehem li s-sustanza preżenti hija ta' riskju serju għall-bniedem jew għall-ambjent. Sustanzi persistenti, bioakkumulanti u tossiċi jistgħu jkunu ta' riskju bħal dan.

(2) Il-manifatturi u l-importaturi involuti għandhom għalhekk ikunu meħtieġa jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni li jkollhom fil-pussess tagħhom dwar dawk is-sustanzi.

(3) Il-manifatturi u l-importaturi kkonċernati għandhom ikollhom jittestjaw is-sustanzi involuti, jiktbu rapport dwar dawk it-testijiet u jibagħtuhom, flimkien mar-riżultati tat-testijiet, lill-Kummissjoni.

(4) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 793/93,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Manifatturi u importaturi ta' sustanza waħda jew iktar minn dawk li jistgħu jkunu persistenti, bioakkumulanti u tossiċi, imniżżla fl-Inventarju Ewropew tas-Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti u stabbilit fl-Anness għal dan ir-Regolament għandhom jibagħtu t-tagħrif speċifikat fl-Anness lill-Kummissjoni fil-limitu ta' żmien stipulat fih u għandhom iwettqu t-testijiet indikati fl-Anness skond il-protokolli li fih għal kull waħda minn dawn is-sustanzi.

Għandhom jipprovdu wkoll lill-Kummissjoni b'rapport dwar kull test, inklużi r-riżultati tiegħu, sa mhux aktar tard mit-termini ta' skadenza stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Mejju 2008.

Għall-Kummissjoni

Stavros DIMAS

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 84, 5.4.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

[2] ĠU C 146 A, 15.6.1990, p. 1.

ANNESS

Nru	Einecs Nru	Nru CAS	Isem is-sustanza	Ir-Rekwiżiti għall-Ittestjar/ l-Informazzjoni	Il-limitu ta' żmien mid-data tad-dhul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament
1	204-279-1	118-82-1	2,2′,6,6′-tetra-tert-butyl-4,4′-methylenediphenol	Studju ta' bijokonċentrazzjoni fuq il-ħut (OECD 305 jew studju tad-dieta)	18-il xahar
2	239-622-4	15571-58-1	2-ethylhexyl 10-ethyl-4,4-dioctyl-7-oxo-8-oxa-3,5-dithia-4-stannatetradecanoate	Studju ta' bijokonċentrazzjoni fuq il-ħut (OECD 305 jew studju tad-dieta)	18-il xahar
3	222-583-2	3542-36-7	Dichlorodioctylstannane	Studju ta' bijokonċentrazzjoni fuq il-ħut (li għandu jitwettaq fuq is-sustanza Nru 2 (CAS 15571-58-1))	18-il xahar
4	256-798-8	50849-47-3	5-Nonylsalicylaldehyde oxime	Studju ta' bijokonċentrazzjoni fuq il-ħut (OECD 305 jew studju tad-dieta)	18-il xahar
5	281-018-8	83846-43-9	Aċidu benżojku, 2-hydroxy-, mono-C>13-alkyl derivs, imluħa tal-kalċju (2:1)	Bijodegradazzjoni bil-lest mtejba	18-il xahar
6	250-702-8	31565-23-8	Di(tert-dodecyl) pentasulphide	Iktar riċerka dwar l-assorbiment potenzjali fil-ħut Studju ta' bijokonċentrazzjoni fuq il-ħut (studju tad-dieta)	18-il xahar
7	284-578-1	84929-98-6	Magnesium, bis(2-hydroxybenzoato-O1,O2)-, ar,ar′-di-C>13-alkyl derivs.	Bijodegradazzjoni bil-lest mtejba (li għandu jitwettaq fuq is-sustanza Nru.5 (CAS 83846-43-9))	18-il xahar
8	209-136-7	556-67-2	Octamethylcyclotetrasiloxane	Programm ta' monitoraġġ ta' l-ambjent (flimkien mas-sustanza Nru 15 (CAS 541-02-6))	18-il xahar
9	262-975-0	61788-44-1	Phenol, stirenat	Test ta' riproduzzjoni Daġhnia ta' 21 ġurnata (Linja Gwida OECD 211) li jitwettaq fuq Tristyrenated-phenol (CAS 18254-13-2) Studju ta' bijokonċentrazzjoni fuq il-ħut (studju tad-dieta)	18-il xahar
10	262-967-7	61788-32-7	Terphenyl, idroġenat	Test tad-degradazzjoni tal-hamrija (OECD 307) għat-terphenyls idroġenati magħżula. Studju ta' bijokonċentrazzjoni fuq il-ħut għall-quaterphenyls Skond ir-riżultati – studju fuq il-kriterju T (biex jinqara mat-terphenyls (CAS 26140-60-3))	18-il xahar
11	222-733-7	3590-84-9	Tetraoctyltin	Studju ta' bijokonċentrazzjoni fuq il-ħut (li għandu jitwettaq fuq is-sustanza Nru 2 (CAS 15571-58-1))	18-il xahar
12	246-619-1	25103-58-6	tert.-Dodecanethiol	Test imejjeb tal-bijodegradazzjoni Studju ta' bijokonċentrazzjoni fuq il-ħut	18-il xahar
13	248-227-6	27107-89-7	2-Ethylhexyl 10-ethyl-4-[[2-[(2-ethylhexyl)oxy]-2-oxoethyl]-thio]-4-octyl-7-oxo-8-oxa-3,5-dithia-4-stannatetradecanoate	Studju ta' bijokonċentrazzjoni fuq il-ħut (li għandu jitwettaq fuq is-sustanza Nru 2 (CAS 15571-58-1))	18-il xahar
14	250-709-6	31570-04-4	Tris(2,4-di-tert-butylphenyl)phosphite	Studju ta' bijokonċentrazzjoni fuq il-ħut (studju tad-dieta)	18-il xahar
15	208-764-9	541-02-6	Decamethylcyclopentasiloxan Skrining: PBT &vPvB	Programm ta' monitoraġġ ta' l-ambjent (flimkien mas-sustanza Nru 8 (CAS 556-67-2))	18-il xahar
16	254-052-6	38640-62-9	DIPN	Studju ta' bijodegradazzjoni bil-lest fuq il-materjal li jitqiegħed fis-suq (OECD 301B)	18-il xahar